11 ta' Ottubru, 1960

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Joseph Rossignaud ne.

versus

Carmel Oliva

Għajnuna Soċjali — Art. 26 tal-Att VIII tal-1957.

Id-dispożizzjoni tal-Att dwar l-Għajnuna Soċjali li tagħti lid-Direttur tad-Dipartiment id-dritt li jaġixxi, meta jidhirlu li hu l-każ, kontra persuni li huma kapaċi u legalment tenuti jmantnu persuna li titlob jew tkun qegħdha tirċievi għajnuna soċjali, biex iġegħlhom imantnu lil dik il-persuna jew jirrifondu lill-Gvern l-għajnuna li jkun ta' lil dik il-persuna, għandha tiġi kunsidrata fir-relazzjonijiet mal-liġi ċivili, li tikkontempla wkoll l-alimenti u l-perdita tagħhom.

U mid-dispożizzjonijiet tal-liġi ċivili jitnissel li l-konjuġi li huwa kapaċi jmantni, u li normalment ikun legalment tenut għall-għajxien tal-konjuġi l-ieħor, f'ċerti ipotesijiet huwa maħlul minn dan l-istess obligu, imnissel mill-istat taż-żwieġ.

Meta ma jkunux intervenew bejn il-miżżewġin proċeduri ġudizzjarji, u d-Direttur jagħżel l-ewwel azzjoni (dik biex iġiegħel lill-konjuġi jmantni lill-konjuġi l-ieħor). Il-konjuġi konvenut ikun jista' jġib il-quddiem fil-kawża ntentata kontra tiegħu, ir-raġunijiet t'egħu l-għaliex ma għandux ikun ritenut kapaċi li jħallas, jew l-għaliex mhux legalment tenut li jfornixxi l-alimenti lill-konjuġi l-ieħor.

Jekk mbgħad id-Direttur jagħżel it-tieni azzjoni, billi jiffissa huwa stess "marte proprio" l-ammont tal-assistenza soċjali u jfittex lil min għandu jfittex għar-restituzzjoni tal-flus li jkun ħallas favur ir-reklamanti l-assistenza publika, il-konvenut jista' loġikament jikkonfrontah bl-eċċezzjonijiet u l-provi li huwa, għalkemm tenut għall-għajxien versu r-

reklamanti, eppure ma għandux mezzi, jew ma għandux mezzi suffiċjenti, sabiex jagħmel tajjeb għall-ammonti ta' assistenza soċjali li jkun ħareġ id-Dipartiment. "Multo magis" il-konvenut għandu dritt jirrinfaċċja lid-Direttur l-eċċezzjoni li huwa ma għandux iħallas lura lid-Dipartiment l-ammont minnu avanzat lir-reklamanti, meta l-alimenti jkunu ġew preventivament bejn l-alimentanti u r-reklamenti fissati mill-Qorti kompetenti skond il-liġi, u l-istess konvenut ikun ħallashom regolarment. Jekk, se maj, ma jkunx ħallashom, pruvata l-kapaċità tiegħu, u l-obbligatorjetà, id-Dipartiment jkollu biss id-dritt li jirkupra l-ammont fissat mill-Qorti, u ma jkollu ebda dritt għar-restituzzjoni tal-ammont superjuri fissat minnu.

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat (a) iħallas lill-attur filkwalità tiegħu fuq indikata s-somma ta' £68, għal daqstant ieħor imħallas lil Mary Oliva mart il-konvenut bħala assistenza soċjali taħt l-Att numru VIII tal-1956 għall-perijodu mit-12 ta' Ġunju 1959 sal-4 ta' Frar 1960; (b) jgħaddi lill-imsemmija martu pensjoni alimentarja fl-ammont, mod, u taħt it-termini li jiġu preskritti minn din il-Qorti. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Settembru 1959;

Omissis;

Ikkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-ġudizzju jidher li l-attur nomine, in forza tal-art. 26 tal-Att VIII tal-1956, kif emendat bis-sezzjoni 7 tal-Att numru VII tal-1957, qiegħed jesperixxi l-azzjoni odjerna billi qiegħed jeżiġi r-restituzzjoni ta' £68 mill-konvenut għal daqstant ieħor imħallas lill-mara tiegħu bħala assistenza soċjali għall-perijodu mit-12 ta' Ġunju 1959 sal-4 ta' Frar 1960; u fit-tieni lok qiegħed jitlob li l-konvenut ikun kundannat jagħti lil-martu pensjoni alimentarja fl-ammont, mod, u taħt it-termini li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx bżonn jingħad li l-iskop tal-Att li in forza tiegħu qiegħed jaġixxi l-attur nomine huwa ntiż biex jistabbilixxi u jirregola l-għajnuna mogħtija minn fondi pubbliċi lill-persuni fil-bżonn. Din l-assistenza, skond l-Att imsemmi, tassumi ħafna forom u modi. Fl-art. 26 tal-istess Att huwa stabbilit li "when it appears to the Director (Director of Emigration, Labour and Social Welfare, skond l-art. 2 tal-istess Att) that any person in respect of whom social assistance is claimed or received under this Act has relatives, being his spouse, father, mother or children, who are able and legally liable to maintain him, the Director may take proceedings against such relatives before the competent Civil Court to compel them, either to supply maintenance to such person, or to refund any such assistance to or on behalf of such person." Jingħad ukoll illi fl-iskeda tal-ewwel hemm stabbiliti r-rati ta' skala ta' għajnuna soċjali skond in-numru ta' persuni fil-familja;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, id-dispożizzjoni 26 fuq imsemmija trid tiġi kunsidrata fir-relazzjoni talliġi ċivili, li tikkontempla wkoll l-alimenti u l-perdita tagħhom, l-għaliex hekk jitlob u jimponi l-ħsieb li l-liġijiet kollha viġenti għandhom ikunu, bħala "korp tal-liġi", organizzati b'mod li jkunu jnisslu fil-membri tal-komunità minnhom retti dik is-sikurezza u trankwillità, kif ukoll benesseri, li għalihom huma ntiżi;

Illi, sabiex il-kwistjoni tiġi ristretta għall-kwistjoni tal-kawża odjerna, jingħad li l-liġi ċivili, dwar il-manteniment bejn mara u raġel miżżewġin, tiddisponi (fl-art. 3 Kap. 23), li r-raġel għandu jmantni lill-mara tiegħu; fl-art. 4 (Kap. 23) i, fil-każ ta' nuqqas ta' mezzi sufficjenti, il-mara hi tenuta mill-parti tagħha tmantni lill-żewġha; fl-art 5 li għall-manteniment il-mara jew ir-raġel miżżewġin għandhom anterjorità jew prijorità fuq il-ġenituri jew axxendenti oħra, parità ta' dritt mat-tfal tagħhom, u, meta wieħed mill-miżżewġin jista' jmantni, it-tfal ma jkunux

tenuti lejhom; fl-art. 6 jingħad li l-mara titlef il-manteniment jekk bla raġuni ġusta tirrifjuta li terġa tmur fid-dar konjugali; fl-art. 27 hemm dispost li l-manteniment għandu jkun proporzjonat għall-bżonn ta' min jitlob l-alimenti u l-mezzi tal-alimentanti, u l-mod kif l-istess rati alimentari jiġu kalkulati in relazzjoni għall-kapaċità ta' xogħol al-alimantand u proventi minn ħwejjeġ mobili jew immobili tal-alimentanti skond il-każ; fl-art. 56(d) hija maħsuba l-perdita tal-manteniment mill-parti tal-konjuġi tellief fil-kawża ta' firda personali, jekk il-Qorti jkun dehrilha li l-kolpi tal-konjuġi tellief jkunu jimmeritaw dik is-sanzjoni; u fl-art. 63 huwa kontemplat id-dritt tal-għoti tal-manteniment lill-parti l-oħra innoċenti f'każ ta' firda personali mill-parti tal-konjuġi kolpevoli;

Illi minn dan jitnissel li l-persuni li jkunu kapaċi jmantnu u li normalment ikunu legalment tenuti għall-għajxien tal-konjuġi l-ieħor, f'ċerti ipotesijiet huma maħlula minn dan l-istess obligu, imnissel mill-istat taż-żwieġ;

Ikkunsidrat;

Illi di fronti għal dan l-istat ġuridiku, li jitnissel mil-Liġi Ċivili, l-art. 7 tal-Att numru VIII tal-1957, li żied l-art. 26 fl-att numru VIII tal-1956, investa lid-Direttur ta' dak l-Att, meta jkun jidhirlu li r-reklamanti tal-assistenza jew għajnuna soċjali, li jkun jirreklama jew irċieva l-istess assistenza ikollu l-qraba msemmija fl-artikolu, li jkunu kapaċi u legalment tenuti għall-manteniment, b'żewġ azzjonijiet, esperibbli quddiem din il-Qorti, u ċjoè (a) jew dik li jissupplixxu l-manteniment lir-reklamanti, jew (b) li jreġġgħu lura l-flus jew valur ta' assistenza li r-reklamanti jkun irċieva minn għand id-Dipartiment dirett minnu;

Ili, slakemm ma jkunux intervenew bejn il-miżżewġin proċeduri ġudizzjarji, u d-Direttur fuq imsemmi jagħżel li jmexxi l-ewwel azzjoni, ir-"reus" fl-azzjoni, fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, u kif diġà ġie deċiż (ara P.A. Ċivili "Joseph Rossignaud nomine vs. George Muscat", deċiża in parte fil-25 ta' Frar 1959), ikun jista' jġib il-quddiem fil-kawża ntentata r-raġunijiet tiegħu l-għala huwa ma għan-

ḋux ikun ritenut kapaċi li jħallas, jew l-għala mhux legalment tenut li jifforniхxi l-alimenti lill-konjuġi l-ieħor, li għalieh ikun qiegħed jirreklama l-attur nomine; u dan għar-raġuni loġika u ġuridika li l-poter tad-Direttur li jagħżel min huwa kapaċi u legalment tenut mhux ta' natura assoluta u nsindakabbli; għar-raġuni illi, kieku kellu hekk jiġi ritenut, il-kawża jew proċedura kienet tkun sempliċi farsa; kif ukoll minħabba l-konsiderand li l-leġislatur, meta emana l-Att in kwistjoni, ma setgħetx injora u nesa l-liġi komuni;

Illi mill-banda l-oħra, meta d-Direttur jagħżel it-tieni azzjoni, alternattiva, u jiffissa "marte proprio", skond l-ewwel skeda, l-assistenza soċjali, u jfittex lil min għandu jfittex għar-restituzzjoni tal-flus li jkun ħareġ favur ir-reklamanti l-assistenza publika, iċ-ċitat jista' loġikament jikkonfrontah bl-eċċezzjoni u provi li huwa, għalkemm huwa tenut għall-għajxien versu r-reklamanti, eppure huwa ma għandux il-mezzi jew ma għandux il-mezzi suffiċjenti sabiex jagħmel tajjeb għall-ammonti ta' assistenza soċjali skond l-ewwel skeda li jkun ħareġ dak id-Dipartiment. Dan jitnissel mill-fatt li l-liġi nvestiet lid-Direttur b'din it-tieni azzjoni alternattiva ħalli jkun jista' jieħu lura l-flus li jkun ħareġ, u ma rrendietx. kif sar f'liġijiet oħra, l-att deċiżiv tiegħu u l-iżbors li jkun għamel minnufih eżekuttiv;

Il'i "multo magis" il-konvenut għandu d-dritt jirrinfaċċja d-Direttur imsemmi bl-eċċezzjoni u provi fis-sens li huwa ma għandux iħallas lura l-ammont avanzat lir-reklamanti meta l-alimenti jkunu ġew preventivament bejn l-alimentanti u r-reklamanti fissati mill-Qorti kompetenti skond il-liġi, u l-istess konvenut ikun ħallashom regolarment. Jekk ma jkunx ħallashom, se maj, pruvata l-kapaċità tiegħu u l-obligatorjetà, id-Direttur, fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, ikollu biss id-dritt jirkupra l-ammont fissat mill-Qorti, u in kwantu għall-ammont superjuri fissat minnu ma jkollu ebda dritt għar-restituzzjoni;

Il'i mal-ewwel daqqa ta' għajn dan li ntqal jista' jidher anormali; iżda għal min iħares lejn il-każ bil-penetraz-

zjoni u riflessjoni, fil-fatt dak li ntqal huwa ġust u ekwu. Infatti, l-assistenza u għajnuna soċjali huma ntiżi mhux biex il-Gvern jeħodhom lura billi jinforza lil min ma kienx tenut legalment imantni lill-qraba, jew biex jinforza lil min ikun tenut skond il-kapaċità tiegħu li tkun anqas mirrata tal-ewwel skeda tal-Att VIII tal-1956 bl-ammonti superjuri f'dik l-iskeda, imma biex min jonqos mid-dmirijiet tiegħu skond il-kapaċità li għandu ma japprofittax ruħu mil-liġi, u kwindi jillukra għad-dannu tal-publiku dak li huwa tenut jagħti; u kien għalhekk li lid-Direttur ġiet mogħtija l-fakoltà li jikkoarta lil dawk il-persuni li jkunu kapaċi u legalment tenuti li jagħtu l-manteniment lill-qraba. Din il-koerċizzjoni ssib il-limiti tagħha — salva l-obligatorjetà — sal-grad ta' kapaċità tal-alimentant, u mhux oltre dik is-saħħa finanzjarja. Jekk il-potenzjalità tkun żgħira u xejn affattu korrispondenti għan-neċessità tal-għajxien ġornaljeru tal-alimentand, dak li huwa meħtieġ oltre l-forza ndividwali tal-individwu li jkun għandu joħorġu l-Gvern mill-fondi publiċi, li jirappreżentaw ir-riżultat tal-ġbir tar-"revenue", kompriżi t-taxxi, li jservu għall-"welfare state";

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dan li fuq ġie espost, jingħad li l-każ in eżami jippreżenta dawn il-fattispeċi. Fl-20 ta' Jannar 1954 Carmela Oliva, li kienet mexxiet kawża ta' firda personali kontra l-konvenut otteniet is-separazzjoni personali, u fost regolamenti oħra din il-Qorti kkundannat lil Carmelo Oliva jħallas lill-attriċi, għaliha u tlieta minn uliedha, li kienu allura minorenni u jgħixu magħha, pensjoni alimentarja ta' £1. 15. 0 fil-ġimgħa bil-quddiem fid-domiċilju tal-istess attriċi mill-jum tas-sentenza, oltre l-ħlas tal-istitut għall-bintu Mary Oliva, fejn l-istess kienet rikoverata, jekk ikunu eżatti. In segwitu, il-konvenut tal-lum, Carmelo Oliva, fis-27 ta' Novembru 1959, ottjena minn din il-Qorti riduzzjoni tal-alimenti kontra martu, li magħha qegħdha tgħix bintu minorenni Mary Oliva (l-għaliex it-tfal l-oħra kollha rraġġunġew l-età maġġuri). Din ir-rata ridotta hija ta' £1 fil-ġimgħa, u kellha tibda mit-2 ta' Diċembru 1959;

liema rata huwa kien beda jagħti lill-mara tiegħu minn xahrejn qabel is-27 ta' Novembru 1959;

Illi minn dan jidher li mis-27 ta' Settembru 1959 il-konvenut kien qiegħed jagħti lill-attriċi u wliedha msemmija fl-ewwel sentenza ċitata 15s. fil-ġimgħa anqas; però huwa ta' min jikkunsidra li uliedu, li dwarhom flimkien mal-omm ġiet fissata r-rata oriġinarja, kienu laħqu l-età maġġuri, u l-konvenut ma ħax kura jitlob mill-ewwel ir-riduzzjoni. Il-konvenut kien impjegat id-Dockyard bil-£5. 5. 0d fil-ġimgħa, meta r-retta alimentarja oriġinarja kienet ġiet fissata għal £1. 15. 0d fil-ġimgħa; imma fil-25 ta' Marzu 1959 kien għalaqlu ż-żmien u, wara li ħa "gratuity" ta' £275. 3. 4d, li minnha fil-kors tat-tieni kawża kien baqgħalu biss £150, beda jagħmel xogħol żgħir ta' ċjabattin;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-konvenut dejjem (barra minn xahar il-ħabta tal-25 ta' Marzu 1959, meta spiċċa mid-Dockyard, għal liema ammont il-mara tal-konvenut setgħet taġixxi ġudizzjarjament) ħallas l-ammont alimentari li għalieh ġie kundannat mill-Qorti kompetenti;

Illi, kwindi, dak li ħallas l-attur nomine bħala assistenza soċjali lill-mara tal-konvenut u xi wliedha kien joltrepassa l-potenzjalità tal-konvenut, u di konsegwenza mhux dovut mill-konvenut;

Illi, dwar it-tieni talba, l-istess il-lum ġiet ċeduta mill-attur nomine;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-ewwel talba attriċi; u tastjeni ruħha milli tiddeċidi t-tieni talba, għax rinunzjata, l-ispejjeż jitħallsu mill-attur nomine.